MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Numru. 888/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARLOS CORDINA**

**KONTRA**

**FRANCIS XAVIER AGIUS maghrufa bhala SAVIOUR AGIUS ta' 24 sena, iben Carmel u Maria Dolores Borg, imwieled San Giljan nhar is-16 ta' Marzu, 1978, residenti fil-fond numru 114, Triq San Bastjan, Hal-Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 203278M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **FRANCIS XAVIER AGIUS maghrufa bhala SAVIOUR AGIUS** li gie akkuzat talli:

1. F’Hal-Kirkop nhar it-12 ta’ Gunju, 2002 u fit-23 ta’ Gunju, 2002 ikkommetta serq ta’ apparati hi-fi minn go vetturi EAE 343 u FBG 942 ghad-detriment ta’ Charmaine Taliana u Claudine Gatt liema serq huwa kkwalifikat bl-ammont li ma jeccedix il-mitt lira Maltin, mezz u x-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli fl-istess jum, u hin, f’dawn il-Gzejjer volontarjament ghamel hsara jew gharraq vettura numru EAE 343 u FBG 942 liema hsara ma teccedix il-Lm500.00, kif ukoll talli xjentemente kellu bil-pussess tieghu affarijiet misruqa jew akkwistati b’reat u indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

3. U kif ukoll talli huwa recidiv b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Joseph Cassar LL.D. datata 16 ta’ Mejju, 2002, liema sentenza saret definittiva, u kif ukoll talli kiser il-kundizzjoni ta’ sentenza ta’ prigunerija ta’ sentejn(2) sospizi ghal erba’(4) snin moghtija lilu nhar is-16 ta’ Mejju, 2002 mill-Magistrat Dr Joseph Cassar LL.D.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, kif ukoll illi l-istess **FRANCIS XAVIER AGIUS maghrufa bhala SAVIOUR AGIUS** ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri;

Rat ukoll illi l-akkuzat fl-interrogatorju kien wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi x-xhieda principali kienu d-derubati Charmaine Taliana u Claudine Gatt. Taliana qalet illi hija kienet giet misruqa minn gol-vettura taghha Fiat Uno li ggib in-numru tar-registrazzjoni EAE 343. Hadulha minn gol-vettura l-*speakers* bil-*board* b’kollox u anke xi telecards – dan

ghall-ammont ta’ elf lira Maltin (Lm1,000.00). Minn naha taghha Taliana wkoll sabet id-*dash board* tal-karozza taghha mqalleb – xehdet anke li qalawlha l-*speakers* mill-vettura. Minn naha taghha din id-derubata rat lill-akkuzat mohbi vicin il-vettura, griet warajh, u anke dadrba li nqabad ikkonfrontatu fl-Ghassa tal-Pulizija. Anke hi tat valur ‘il fuq minn mitt lira Maltin (Lm100.00) tal-hsara li sofriet.

L-akkuzat innifsu fl-istqarrija imnnu rilaxxata ammetta l-involviment tieghu f’dawn iz-zewg serqiet – dan fl-istqarrija minnu rilaxxata (folio 2).

Rat ukoll is-sentenza ezebita fil-konfront ta’ l-akkuza tar-recidiva, DOK A folio 36, kif ukoll ix-xhieda ta’ l-Ispettur Tonna bhala prova ta’ l-identita’.

Ikkunsidrat:

In kwantu dak kollu premess din il-Qorti qieghda ssib lil **FRANCIS XAVIER AGIUS maghrufa bhala SAVIOUR AGIUS** hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 261, 263, 278, 279, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat li giet ippruvata anke r-recidiva fil-konfront ta’ **FRANCIS XAVIER AGIUS maghrufa bhala SAVIOUR AGIUS;**
Rat ukoll l-Artikoli 49, 50 u 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena qieghda tqieghed in operat is-sentenza sospiza ta’ sentejn(2) habs effettiv, u dwar ir-reat ta’ serq in dezamina tikkundanna lill-impujtat ghal piena karcerarja ghal zmien seba’(7) xhur u dan anke wara li rat l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------